MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Numru. 629/2006

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND J BORG
VS
SIMON ATTARD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Simon Attard, ta’ 19-il sena, iben Victor u Antonia nee’ Galea, imwieled Pieta’ nhar it-3 t’Awissu 1986, u residenti 23, Jonmarsin, Triq l-Innu Malti, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 355286(M), u akkuzat talli nhar l-14 t’April 2006 bejn il-5.00pm u l-10.00pm fi Triq l-Isqof Caruana, Zebbug:
(a) xjentement irrenda ruhu komplici ta’ delitt billi ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie preparat jew ikkunsmat, liema delitt jikkonsisti f’serq ta’ ‘stereo’ tal-ghamla Pioneer minn vettura tal-ghamla Hyundai Getz, bin-numru tar-registrazzjoni SAB 156,

ghad-detriment ta’ Silvana Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, skond l-Artikoli 42d, 263a, 270 u 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, xjentement irrenda ruhu komplici ta’ delitt billi ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, liema delitt jikkonsisti f’serq ta’ ‘stereo’ tal-ghamla Pioneer minn vettura tal-ghamla Hyundai Getz, bin-numru tar-registrazzjoni CBN 128, ghad-detrimenti ta’ Emanuel Axiaq, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, skond l-Artikoli 42d, 263a, 270 u 271g tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, skond l-Artikolu 334a tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jottempera ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi migjuba kontra tieghu, u dan wara li l-Qorti spjegatlu l-importanza tal-ammissjoni tieghu skond il-ligi u tatu zmien xieraq sabiex jikkunsidra li jirtira l-ammissjoni, u l-imputat baqa’ jtenni li kien hati.

Il-Qorti rat l-Artikoli 42d, 263a, 270, 271g u 334a tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kkunsidrat, ghal fini ta' piena, il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija; il-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri; u l-fatt illi huwa ammetta l-involviment tieghu fil-kaz, u accetta li jixhed kontra l-awtur fir-reat, u jidhrilha li jkun ta' beneficcju, kemm ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta' in generali, jekk l-imputat jinghata zmien sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li huwa ma jikkomettix reat iehor sa zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi l-atti, flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------